**KUNSILL LOKALI QORMI** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 45** **IT-TLIETA 18 TA' JANNAR 2011**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2011 fis-7.00 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Għaxar Kunsilliera)**

Is-Sindku Jesmond Aquilina, il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil, il-Kunsilliera Angelo Briffa, Thomas Harmsworth, Bjorn Azzopardi, Dennis Zammit, Simon Vella Gregory, Jeffrey Camilleri, Margaret Mercieca u Ralph Puli (7:20pm).
Il-Kunsillier Jason Busuttil informa li ma setax jattendi minħabba xogħol.

**TALBA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** qal it-talba.

**45/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 44**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 44 li nżammet nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2010, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekonda. **Ivvutaw Favur id-disa' Kunsilliera (9) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 44 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**45/02 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**45/02/01** **Is-Sindku** fakkar, b'referenza għall-mozzjoni dwar il-Premju I.N.T., li nhar is-Sibt 22 ta' Jannar sejjer jittella' l-kunċert mill-Għaqda Soċjo Mużikali Anici fis-Sala tal-Universita' Sir Temi Zammit, u fiha se

jingħata l-Premju I.N.T li għalih daħlu sitt nomini, li qed ikunu evalwati mill-Bord tal-Għażla tal-Premju I.N.T. Matul din is-serata numru ta' għaqdiet ser itellgħu *exhibition fil-foyer* tas-sala. Il-Kunsilliera kienu mħeġġa sabiex jattendu din l-attivita'.

**45/02/02** **Is-Sindku** nforma wkoll li nhar il-ġimgħa kien sejjer jindirizza l-ftuħ tal-laqgħa tas-Sindki li ser tinżamm Għawdex, u flimkien mal-Viċi Sindku s-sibt jinżlu għall-Kunċert u l-Premju I.N.T.

**45/02/03** **Is-Sindku** nforma li nhar il-Ħamis 20 ta' Jannar, festa ta' San Sebastjan, se ssir funzjoni reliġjuża fis-sitta ta' fil-għaxija fil-knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan mill-Arċisqof Mons. Pawl Cremona u li għaliha ser jattendi wkoll l-President ta' Malta Dr. Gorg Abela. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal din il-funzjoni.

**45/02/04** **Is-Sindku** nforma li l-attivita' tal-*Christmas Village* saret għall-ewwel darba mill-membri tal-Klabb tal-Football u kienet suċċess, fejn l-attendenza għal din l-ewwel attivita' kienet ferm sodisfaċenti u l-Kunsill kien infurmat li l-ispejjeż lill-organizzaturi laħħqu mas-€6,000.

**45/02/05** **Is-Sindku** nforma wkoll li kien tkellem mal-membri tal-Għaqda Armar San Sebastjan dwar l-armar tal-festuni tad-dwal tal-Milied sabiex jitħallew armati għall-ġimgħa tal-Karnival. Sar qbil li dawn il-festuni jiżżarmaw u jergħu jintramaw fil-ġranet tal-Karnival minħabba li jkun baqa' ħafna żmien għaċ-ċelebrazzjoni tal-Karnival.

**45/02/06** **Is-Sindku** fakkar li nhar l-Erbgħa sejjer jiltaqa' l-Bord tal-Għażla tat-Tenders għall-offerta dwar il-kiri tal-Kiosk fi Ġnien De La Cruz. Il-Bord se jkun kompost mis-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Thomas Harmsworth u Ralph Puli. Il-Kunsilliera Margaret Mercieca kienet magħżula minflok il-Kunsillier Puli minħabba probabbilta' ta' konflitt ta' interess li ressaq il-Kunsillier Ralph Puli. L-ewwel laqgħa mal-offerenti se tinżamm fit-3.15 ta' wara nofsinhar.

**45/02/07** **Is-Sindku** nforma li matul il-ġimgħa, wara l-laqgħa mal-APS Bank, tressqu d-dokumenti kollha lill-Bank APS sabiex jinbeda x-xogħol għall-ħruġ tas-*Sanction Letter* dwar is-self fuq ix-xiri tal-bini mal-Kunsill.

**45/02/08** **Is-Sindku** staqsa f'liema fażi kien wasal ix-xogħol fuq il-latrina ta' Sqaq Żenqa. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bħalissa kien inbeda x-xogħol ta' installazzjoni tas-servizzi, tal-elettriku, drenaġġ u ilma, filwaqt li x-xogħol kollu fuq il-faċċata kien tlesta.

**45/03** **Il-Kunsillier Ralph Puli** daħal għas-seduta fis-7.20pm.

**45/04** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2010**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2010, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'B1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru
**b)** Bank Payments Diċembru 2010
**c)** Petty Cash Diċembru 2010

**Il-Kunsillier Bjorn Azzorpardi** ssekonda.
**Ivvutaw Favur** l-għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**45/05** **MOZZJONI NRU 114-2011 (V) - GAL XLOKK PROGRAMM LEADER**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq il-Mozzjoni 114/2011 dwar il-GAL Xlokk, Programm Leader.

"Nipproponi li l-Kunsill japprova l-miżata tiegħu sabiex jkun membru sħiħ fi ħdan il-GAL Xlokk u jibbenefika mill-fondi taħt il-programm LEADER."

**Is-Sindku** fisser il-ħidma tal-GAL Xlokk speċjalment bil-programm LEADER li tiegħu l-Kunsill Qormi huwa wieħed mill-membri. Dan il-programm dieħel fis-seħħ fi ftit ġimgħat oħra, u għalhekk sabiex il-GAL Xlokk jibda jopera, kien maqbul li kull Kunsill jsellef permezz ta' miżata ta' elf euro għal kull kunsillier minn kull Kunsill fil-GAL Xlokk, u dan ukoll bl-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għalhekk is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni. **DOK 'C'**

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** issekonda l-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 110/2010.

**45/06** **ALLOKAZZJONI FINANZJARJA 2011**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza mid-Dipartiment dwar l-Allokazzjoni Finanzarja ta' €976,375 għas-sena 2011, fejn innota li reġa' kien hemm tnaqqis ta' €5,131 fuq l-Allokazzjoni tas-sena 2010. Inġibdet l-attenzjoni li jekk wieħed iqabbel l-allokazzjoni għan-Nefqa tal-Amministrazzjoni għal din is-sena, din baqgħet l-istess bl-ammont ta' €173,485 bħal dik tal-2010. Filwaqt li l-allokazzjoni għan-nefqa tal-Parki, Ġonna u Soft Areas niżlet għal €48,045, meta fl-2009 din kienet €70,955, tnaqqis ta' €22,910. **DOK 'D'**

Huwa nnota ukoll li filwaqt li l-allokazzjoni għal Manutenzjoni ta' Toroq u Infrastruttura, li tinkludi l-Knis tat-Toroq, il-qtugħ ta' Ħaxix f'Toroq Urbani, it-tindif ta' Toroq Mhux Urbani, l-manutenzjoni ta' Toroq, il-*Bus Shelters*, it-Tabelli u Sinjali tat-Toroq, u l-Lampi tat-Toroq, minn €325,037 fl-2010, saret €320,175 għall-2011, tnaqqis ta' €4,862.

Fl-aħħarnett innota wkoll li l-allokazzjoni għall-Immaniġġjar tal-Iskart, li tinkludi l-ġbir ta' Skart u *Bins on Wheels, Bring-in Sites,* ġbir ta' *bulky refuse, skips,* u t-tindif tal-latrini, baqgħet l-istess bħall-2010, total ta' €334,960. Ma' dawn hemm fond ta' aġġustament ta' €22,974, bħas-sena 2010, u Allokazzjoni għat-*Tipping Fees*, ħlas li jsir kollu kemm hu lil *Wasteserv* ta' €76,736.

**45/07 ANNUAL BUDGET 2011 - MOZZJONI 115/2011 (V)**

Is-Sindku ressaq id-dokument iffinalizzat tal-*Annual Budget* 2011, flimkien mal-Mozzjoni 115/2011 (V). **DOK 'E'**

'Billi l-*Budget* għas-Sena 2011 jinħtieġ li jiġi approvat wara li kienet imressqa l-Allokazzjoni Finanzjarja 2011;

Il-Kunsill mitlub li jikkonsidra dan id-dokument li qed inressaq, sabiex wara li jkun approvat, jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsill Lokali kif titlob il-Liġi.'

**Is-Segretarju Eżekuttiv** kien mitlub iressaq spega ta' dan ir-rapport, u wara s-Sindku ppropona li jittieħed vot fuq il-mozzjoni mressqa.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth u l-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** issekondaw il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** l-għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**45/08 BUSINESS PLAN 2011-2013 -MOZZJONI 116/2011 (V)**

**Is-Sindku** għadda biex iressaq id-dokument iffinalizzat tal-Pjan ta' Ħidma, *Business Plan* 2011-2013. **DOK 'F'**

**Is-Sindku** ressaq il-Mozzjoni 116/2011 (V).

'Qed inressaq dan id-dokument tal-*Business Plan* għat-tliet snin 2011-2013, li nħadem fuq il-linji kif diskussi għall-*Budget*, sabiex il-Kunsill jikkonsidra u japprova u wara li jkun approvat, jintbagħat lill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali kif titlob il-Liġi.'

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** ssekondat il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** l-Għaxar (10) Kunsilliera preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament** approva l-*Budget* 2011 u l-Pjan tal-Ħidma għas-Snin 2011-2013, u dawn id-dokumenti issa jintbagħtu lil-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali.

**45/09 RAPPORTI**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq dawn it-tliet rapporti:

**Laqgħat dwar Restawr tal-Monument Salib tal-Ħandaq**

Is-Segretarju Eżekuttiv rraporta l-laqgħat li kellu flimkien mal-Perit tal-Kunsill mas-Segretarju Ġenerali ta' Din l-Art Ħelwa u mal-*Heritage Malta*, fejn kien konluż li s-Salib tal-Ħandaq jaqa' taħt ir-responsabbilta' tad-Dipartiment ta' l-Artijiet u għalhekk kull proposta ta' restawr, li hu tant meħtieġ fuq dan il-monument, għandu jitressaq lilhom. Fir-rapport kien suġġerit li l-Kunsill għandu jħejji proġett għal madwar is-Salib tal-Ħandaq sabiex dan jiġi ppreżervat u protett aħjar minn kull ħsara, fl-istess waqt għanu jkun infurmat b'dan kollu d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku ppropona, u l-Kunsilliera approvaw, li l-Kunsill jikteb uffiċjalment lid-Dipartiment dwar dawn il-laqgħat u jipproponi li l-fondi jintużaw fuq restawr ta’ statwa oħra f’Ħal Qormi. **DOK 'G'**

**Ġbir ta' Skart Domestiku – *Fuel Variation***

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li b'referenza għall-kuntratt li għandu l-Kunsill mill-1 ta' Frar 2010, fl-artiklu 12 (b) hemm maħsub sabiex isir aġġustament tal-komponent tal-fuel fil-prezz ikkwotat mill-Kuntrattur fl-*annex* 8 tat-*tender*. Għalhekk skont iċ-ċaqlieq tal-prezz tad-diesel, inħadmet skont l-eżempju maħdum f'annex 9 fejn iċ-ċaqliq tul is-sena jammonta għal Euro 2,072.50. **DOK 'H'**

**Rifużjoni Parzjali ta’ Multi dwar Sewqan Eċċessiv**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza dwar rifużjoni parzjali ta' multi dwar sewqan eċċessiv irreġistrati permezz ta' Speed Camera u li l-multa li ngħatat eċediet dik stabbilita bil-liġi. **DOK 'J'**

**45/10 SKEMI DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET 2011**

**Is-Sindku** informa lill-Kunsill li b'referenza għal Memo 95/2010 dwar l-iskemi ta' attivitajiet għas-sena 2011, il-Kunsill kien ingħata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali l-ammonti ta' €6,000 u €4,000 għall-attivitajiet ta' Lejl f'Casal Fornaro u Festa tar-Rebbiegħa rispettivament. Huwa ressaq kopja tal-ittri tad-Dipartiment li jħeġġu wkoll sabiex jinżammu d-dati proposti għal dawn l-attivitajiet, tal-14 u l-15 ta' Ottubru 2011, u 7 u 8 ta' Mejju 2011 rispettivament. **DOK 'K'**

**45/11 SKEMA TAL-AWTORITA' TAD-DJAR**

Is-Sindku nforma li wara l-laqgħa ta’ nhar it-Tlieta, 11 ta’ Jannar dwar il-proġett li l-Kunsill għandu jressaq sal-aħħar ta’ Jannar dwar il-Housing Estates, kien deċiż li dan il-proġett jiffoka fuq il-Housing Estates ta’ De La Cruz u Ta’ Pascarella. Is-Sindku fisser li nġabru d-dettalji kollha dwar dawn iż-żewġ *Housing Estates* u l-Perit tal-Kunsill fuq l-indikazzjonijiet li ħarġu mil-laqgħa ħejja żewġ rapporti, li tressqu għall-attenzjoni tal-Kunsill: **DOK ‘L1-2’**

a) De La Cruz *Housing Estate* – Rapport *Rev*
b) Pascarella *Housing Estate* – Rapport *Rev*

Saret diskussjoni dwar ix-xogħol propost li se jitressaq lill-Awtorita’ tad-Djar u kien maqbul li matul il-ġimgħa tintbagħat l-applikazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett.

**45/12 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'M 1-9'**

1. **Mis-Sur Mark Attard dwar St. Sebastian Church Qormi Area Illegal Parking.**

Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut tal-ilment tas-Sur Attard li għal darb'oħra reġa' ressaq il-proposta tiegħu sabiex ikunu fi Triq il-Vitorja ma' Triq San Bartolomew, quddiem il-Knisja ta' San Sebastjan tkun installata sistema ta' cameras, għax fejn kienu installati f'lokalitajiet oħra solvew ħafna mill-problemi ta' abbuż ta' parkeġġ. Il-Kunsill qabel li skont il-mezzi disponibbli, jiġifieri permezz tal-Wardens u tal-Pulizija, dejjem ta attenzjoni lil din l-erja bħal erjas oħra f'Ħal Qormi, u kif ħadem fil-lokalita' kollha dejjem ħaddem bilanċ aċċettabbli fl-inħawi, bilanċ bejn in-negozju u tħaddim ta' gwardjani u pulizija. Il-Kunsill innota li mal-email tal-20 ta' Diċembru 2010 kien hemm inklużi numru ta' ritratti li nġibdu l-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta tal-11.42 ta' fil-għodu.

2. **Mis-Sur Anthony Fenech: Talba għall-Ġbir tal-Iskart Domestiku**

Il-Kunsill nnota t-talba mressqa mis-Sur Fenech li biddel ir-residenza tiegħu għal Sqaq iż-Żiemel, u s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li Sqaq iż-Żiemel jinsab 'l barra mid-dawra tal-Ġbir ta' l-Iskart u mhux inkluż fit-Tender, fejn ma jinġabarx skart miż-żona industrijali tal-Ħandaq. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li nkellmu lill-Kuntrattur jekk jistax jiġbor dan l-iskart meta jinġabar l-iskart tal-Kulleġġ tal-Ħandaq.

3. **Mis-Sur Anthony Fenech: Talba għall-Bozoz fi Sqaq iż-Żiemel**

Il-Kunsill kien infurmat li din it-talba tas-Sur Fenech tressqet lill-Enemalta li għalkemm approvaw li jitwaħħlu żewġ lampi għal Sqaq iż-Żiemel, indikaw li "*this location is outside the development zone, so*

*MEPA approval is also required*" għat-twaqqif ta' l-arbli tad-dwal. Il-Kunsill qabel li hemm prijoritajiet oħra ta' installazzjoni ta' dawl fil-lokalita' u l-ftit fondi disponibbli ma kenux jippermettu li jsir dan ix-xogħol għalissa.

4. **Mis-Sur Ruben Pace: Talba għal Servizz ta' Warden – Mużew Sta. Katarina**

Il-Kunsill innota li t-talba mressqa mis-Superjur tal-Mużew sabiex nhar ta' Tnejn u Ħamis bejn il-5:20pm u 5:45pm, u bejn is-6:20 u 6:35pm waqt li jkunu deħlin u ħerġin it-tfal fil-Mużew fi Triq Santa Katerina jkun hemm il-Gwardjan, jidderieġi t-traffiku.

5. **Mis-Sur Peter Gingell: MEPA, Iproċessar ta' l-Applikazzjonijiet**

Il-Kunsill kien infurmat li bħala parti mir-Riforma tal-MEPA mis-sena d-dieħla mhix se tibqa' tibgħat *hardcopy* ta' l-applikazzjonijiet u l-mappa li tindika s-sit għaliex din l-informazzjoni se tibda tinstab fuq is-sit elettroniku. L-Awtorita' se tkompli tibgħat kll ġimgħa l-lista ta' Applikazzjonijiet li tkun irċeviet mill-lokalitajiet rispettivi.

6. **Minn Dun Karm Grech – Sqaq Għadira**

Tressqet talba minn Dun Karm Grech dwar Sqaq Għadira li llum sar trejqa, fejn minbarra li l-isem tal-isqaq kien imbajjaq, talab li titwaħħal tabella bl-isem oriġinali "Sqaq Għadira" jew Trejqa jew Triq Għadira. il-Kunsill qabel li titressaq għall-attenzjoni tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq għall-approvazzjoni.

7. **Mill-Għaqda Armar San Sebastjan**

Il-Kunsill ħa nota tal-korrispondenza tas-Segretarju tal-Għaqda dwar Tiżjin ta' toroq għall-festi tal-Milied u l-aħħar tas-Sena.

8. **Stqarrija – Sigurta' fil-Bypass tal-Imrieħel**

Is-Sindku poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-istqarrija tal-Kunsill dwar il-Bypass ta' l-Imrieħel.

9. **Mis-Sur Rene' Attard: MEPA, Skedar ta' Propjeta'**

Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza mill-MEPA dwar l-iSkedar ta' Propjeta': Armerija, Triq il-Kbir kantuniera ma' Sqaq Nru.4 - Grad 2, u Sala bl-Arkati, Triq il-Kbira - Grad 2

**45/13 MEMOS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill dawn il-Memos, li kienu ċċirkulati. **DOK 'N 1-2'**

Memo 1-2011 – Insaħħu l-Komunita' – Riġenerazzjoni f'Oqsma ta' Djar tal-Gvern, applikazzjoni mqajjma f'paragrafu 45/11.
Memo 2-2011 – *Digital Switchover Document*

**45/14 BORD TA’ GVERNANZA LOKALI**

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza mill-Bord ta’ Gvernanza Lokali, li qed jitlob risposta tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi rigward l-ilment imressaq mis-Sur George Grech. Is-Segretarju Eżekuttiv mitlub mill-Kunsill jinforma dwar dan l-ilment, fisser li l-Kunsill skont ir-regolamenti mhux responsabbli minn bini mill-ġdid ta’ bankini speċjalment fi plots fejn jittellgħu blokki ta’ bini. Ix-Xogħol ta’ manutenzjoni li sar mill-Kunsill quddiem l-Għassa kien meħtieġ minħabba l-ftuħ tax-xelter għall-pubbliku u minħabba li fl-Għassa kien qed jidħol ħafna ilmijiet tax-xita. Il-Kunsill mexa skont ir-regolamenti li ma jibnix bankini fejn qatt ma nbnew tali bankini, speċjalment quddiem żvillupp ta' binjiet. **DOK ‘O’**

Is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat iwieġeb lill-Bord fiż-żmien stipulat.

**45/15 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa dwar il-*Financial Statements 2010* li se jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill u wara għall-awditjar, tinżamm nhar it-Tlieta 8 ta’ Frar 2011 fis-7:00 ta’ fil-għaxija, filwaqt li s-Seduta ta' wara tinżamm fit-22 ta' Frar 2011.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta’ fil-għaxija.

Jesmond Aquilina
Sindku

John Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta’ ...................... 2011.
(Jum) (Data) (Xahar)